# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 249/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Neville Mercieca)**

**vs**

**Rita Zammit**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rita Zammit, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 128268M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' April, 2016 bejn 16:00hrs u 16:30hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1) Insulentat, ingurjat u heddedt bi kliem jew b'mod iehor lil Mario Zammit;

2) Aktar talli bl-imgieba taghha ikkagunat lil Mario Zammit biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa jew familjari ohra tieghu;

3) Aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil Mario Zammit jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu/taghha jew biex immalafamat lil Mario Zammit jew xi persuni ohra jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih;

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal harsien ta' Mario Zammit;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju, 2016 li biha sabet lill-imputata Rita Zammit hatja tal-imputazzjonijiet kollha u kkundannatha ghall-multa ta' hamsin ewro (€50). Inoltre ordnat lill-imputata sabiex taht penali ta' erba' mitt ewro ma timmolestax, ma tingurjax u ma theddidtx lil zewgha Mario Zammit ghal perjodu ta' sena minn dak il-jum ai termini ta' l-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' Rita Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberaha mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi preliminarjament irid ikun deciz punt sollevat minn din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 meta osservat illi t-talba fir-rikors tal-appell hija ghar-**riforma** tas-sentenza appellata meta l-aggravju jipotizza t-tahsir tal-istess sentenza. L-Avukat Generali ikkampa fuq din l-osservazzjoni u talab li r-rikors ikun dikjarat null. L-Avukat Generali kellu ragun meta ghamel din it-talba izda hawn ghandna kaz klassiku ta' *jus superveniens* ghaliex filwaqt illi bl-artikolu 419, fuq piena ta' nullita', l-appellant kellu jitlob, *inter alia*, ghat-tahsir **jew** ghat-tibdil tas-sentenza, l-Att I tal-2018 nehha l-oneru fuq piena ta' nullita' f'dan l-artikolu u inoltre ghamel applikabbli ghal-Kodici Kriminali l-artikolu 142 u 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-ahhar artikolu jelenka x'ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell u is-subartikolu (4) tieghu jipprovdi illi talba ghat-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza u li talba ghall-annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghat-thassir u tibdil taghha;

2. Il-Qorti tosserva illi l-artikolu 142 subartikolu (4) ma jipprovdix bl-istess mod meta t-talba tkun ghat-tibdil tas-sentenza fis-sens illi it-talba ghat-tibdil tinkludi talba ghat-thassir jew annullament tas-sentenza. Izda, is-subartikolu (5) imbaghad jipprovdi li n-nuqqas ta' tharis tas-subartikolu (1), (2) u (3) ma jgibx in-nullita' tar-rikors ghaliex il-Qorti ghandha tordna permezz ta' digriet lill-appellant sabiex fi zmien jumejn jirregola ruhu. Illi

ghalhekk fl-ispirtu tal-emendi appena citati intizi sabiex jirrilassaw regoli precedenti li altrimenti kienu jirrendu rikors konsimili null, din il-Qorti qed tqis illi t-talba ghat-tibdil tinkludi fiha t-talba ghat-thassir tas-sentenza;

3. Fil-mertu, l-appellanta tillanja s-sentenza hawn skrutinata bil-gravami singolari illi l-agir taghha kien b'reazzjoni ghall-provokazzjoni ta' zewgha u ghalhekk skuzabbli. L-appellanta ghalhekk mhix qeghda tikkontesta li uzat kliem ta' theddid u ingurjuz fil-konfront ta' zewggha per via ta' mezzi telefonici. Mistoqsija minn din il-Qorti jekk kienitx qalet id-diskors li ta' lok ghall-kwerela tal-parti l-ohra, l-appellanta wiegbet li ma kienitx taf x'kienet qed tghid dak il-hin. Tajjeb ghalhekk li jkunu rikapitolati l-fatti ta' dan il-kaz;

4. L-appellanta u zewgha l-kwerelant, kienu ilhom jiffaccjaw problemi matrimonjali tali li taw lok ghall-proceduri ta' separazzjoni. Fil-guranta in kwisjtoni waqt li l-appellanta kienet qed tistenna t-tifla gejja lura mill-iskola l-kwerelant cemplilha u avzaha sabiex la tistenna lilu u lanqas lit-tifla u li ma kienitx ser taraha aktar. Jirrizulta illi l-kwerelant kien iddecieda li jitlaq mid-dar konjugali u kien kera post ta' abitazzjoni in anticipazzjoni ta' dak li kien ser jaghmel u malli gabar it-tifla mill-iskola baqa' sejjer dritt l-ghassa tal-pulizija sabiex jirraporta li ma kienx ser jirritorna t-tifla lill-ommha ghaliex kienet fi stat ta' periklu ukoll sabiex ma jkun hemm hadd li jirraporta li t-tifla kienet nieqsa;

5. Filwaqt illi l-kwerelant kien qieghed jaghmel ir-rapport l-ghassa, l-appellanta cemplitlu u bdiet theddu li ser toqtlu jew tqabbad lil min joqtlu u kliem simili. Dan kien instemgha ukoll mis-surgent prezenti peress li t-telefon kien fuq *hands free*. L-appellanta ghalhekk tikkontendi illi d-diskors intqal fi stat ta' paniku minn persuna li kienet agitata bl-ahbar li zewgha ma kienx ser jirritorna lit-tifla u li ghalhekk sar fl-ambitu tal-provokazzjoni;

6. L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta hija dik ipotizzata fl-artikolu 339(1)(3) tal-Kodici Kriminali li taghha huwa hati ta' kontravvenzjoni kull min "**jaghmel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni"** . Issa, l-appellanta donnha qed tikkontendi illi la darba zewgha kien iddecieda li ma jirritornax lill-binthom id-dar, allura appena ghamlet kuntatt mieghu kienet gustifikata li taghmel fil-konfront tieghu dak it-theddid kif riportat *supra.* Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joe sive Joseph Vella tas-7 ta' Dicembru, 1995,** f'din l-ingurja kontravvenzjonali, "il-legislatur qed jikkontempla mhux biss in-non punibilita' izda addirittura in-non-reita tal-ingurja maghmula *animus retorquendi* minhabba provokazzjoni u r-ritorsjoni". Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanta illi d-diskors minnha verbalizzat kien forma ta' risposta ghall-xi diskors pronunzjat mill-kwerelant bhalma jigri ta' spiss f'diverbju. Huwa minnu illi dak id-diskors kien imqanqal mill-emozzjoni li kienet qed tghix dak il-hin l-appellanta bl-agir ta' zewgha, pero' dan ma jinkwadrax ruhu fil-provokazzjoni ipotizzata fl-artikolu in dizamina;

7. L-appellanta instabet hatja ukoll tar-reat ravvizat fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali igifieri li holqot biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-kwerelant. L-appellanta mhix qed tilmenta minn nuqqas ta' konkorrenza tal-elementi ta' dan ir-reat izda biss li kienet provokata bl-agir tal-kwerelant meta hedditu li ser toqtlu jew li tqabbad lil min joqtlu u li jekk irid jara d-dawl tax-xemx irid l-ewwel jirritorna lit-tifla. Is-subartikolu (3) (b) ta' dan l-artikolu johloq forma ta' gustifikazzjoni jew skuzanti jekk "l-imgieba adottata kienet wahda ragjonevoli ghall-harsien taghha nnifisha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta taghha jew ta' haddiehor". L-appellanta kellha rikors ghal-triq ferm aktar idonea

fic-cirkotanzi kif rakkontati minn din il-Qorti u certament mhux li thedded lill-zewgha b'omicidju. Il-kwerelant spjega kif hu agixxa fuq il-parir tal-avukat tieghu wara diversi rapporti li kien ghamel lill-Agenzija Appogg dwar is-sitwazzjoni ta' bintu fid-dar konjugali u li informa lill-martu l-appellanta illi dak il-hin kien qieghed l-ghassa tal-pulizija. Minkejja dan, ghazlet li taghmel il-minaccji li wassluha biex twiegeb ghalihom quddiem il-Qorti li ma rat ebda ragonevolta' fir-rikors ta' dawk l-istess minacci;

8. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba il-gudizzju raggunt mill-ewwel Qorti u ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.